*KUNJOM TA' MARA MIZZEWGA*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Mejju 2019**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 1020/2018/LSO**

**Elena Efremovna Kutsenko Giordmiana (ID 0078018L) flimkien ma' zewgha Domenico Giordmaina (ID 0054550m) ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta.**

**Direttur fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Espatrijati**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-attrici Elena Efremovna Kutsenko Giordmaina datat 17 ta' Ottubru 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat :-

Illi l-esponenti twieldet ta' nazzjonalita` Russa u ghandha passaport Russu numru 71 5193438 mnejn tinsab indikata bil-kunjom **Tkachenko**, cioe` dak ta' l-ewwel ragel taghha, Dok A;

Illi l-istess eseponenti giet naturalizzata Maltija kif jirrizulta mill-anness certifikat ta' cittadinanza Maltija li jgib in-numru 20124 datat 1 ta' Ottubru 2017 mnejn kunjomha jinsab indikat bhala dak ta' **Tkachenko**, cioe` dak tal-ewwel ragel taghha, Dok B;

Illi difatti meta l-esponenti kienet ottjeniet id-divorzju fir-Russja mill-ewwel ragel taghha li kien ta' nazzjonalita` Russa, hija kienet ghazlet li zzomm kunjomu cioe` **Tkachenko** minnflok li rrivertiet ghal kunjom xbubitha li kien **Kutsenko;**

Illi fl-20 ta' Ottubru 2010, l-esponenti zzewget ragel ta' nazzjonalita` Maltija jismu Domenico Giordmaina, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg Dok C, mnejn jidher li kunjomha gie ndikat bhala dak tal-ewwel ragel taghha u cioe` gie mnizzel bhala **Tkachenko nee` Kutsenko**;

Illi l-problema nqalghet meta l-esponenti applikat u hargitilha l-karta tal-identita` Maltija taghha (Dok D) peress illi fuq dan id-dokument ufficjali, kunjomha gie ndikat bhala dak ta' xbubitha u tar-ragel Malti u cioe` **Kutsenko Giordmaina** u mhux kunjom tal-ewwel ragel taghha **Tkachenko** kif indikat fuq id-dokumenti l-ohra ufficjali hawn fuq riferiti;

Illi dan il-konflitt ta' kunjomijiet fuq dokumenti ufficjali tal-esponenti qed johloq u ser johloq konfuzjoni shiha partikolarment meta tigi biex tapplika ghal passaport Malti jew meta tigi biex iggedded xi dokument ufficjali iehor peress illi ma jistax ikun li l-istess persuna tigi ndikata ufficjalment minn kunjomijiet varji;

Illi l-esponenti pprovat tirrimedja ghal dan il-konflitt fil-kunjomijiet taghha billi rrikorriet ghal Bord ta' Revizjoni tal-Atti Notarili (Rik Nru 52/18) pero` b'decizjoni tas-26 ta April 2018, it-talba taghha giet michuda ghal ragunijiet procedurali;

U peress illi l-esponenti ma tixtieqx li tibqa' tigi ndikata b'kunjomijiet varji fuq diversi dokumenti ufficjali u kwindi tixtieq li ufficjalment hija tkun indikata b'kunjom wiehed fuq kull dokument;

U peress illi skont l-istat attwali taghha bhala dak ta' mizzewga ma' ragel Malti, ghandu jirrizulta gust u opportun li hija tigi ndikata bil-kunjom ta' xbubitha cioe` dak ta' **Kutsenko** biz-zieda tal-kunjom tal-attwali ragel Malti taghha cioe` Giordmaina u jigi jaqra **Kutsenko Giordmaina** kif fil-fatt jinsab indikat fid-dokument tal-karta tal-identita` Maltija taghha, Dok D;

Illi minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz taghha, l-esponenti ma kellhiex triq ohra hlief dak li tintavola l-odjern rikors;

Illi l-fatti li jifformaw parti mill-premessi huma maghrufa personalment lill-esponenti u tikkonferma li l-kontenut tas-susespost gie spjegat lilha bil-lingwa Ngliza.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tikkonferma li l-kunjom ufficjali skont il-ligi Maltija tal-attrici ghandu jkun dak ta' Kutsenko Giordmaina;

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tac-certifikat taz-zwieg u tac-certifikat ta' cittadinanza taghha billi fejn jirrikorri kunjom iehor tal-istess esponenti, jigi minnflok mibdul u iskritt korrettement bhala dak ta' **Kutsenko Giordmaina;**

3. Taghti u/jew tordna kull provvediment iehor li jkun jidhrilha xieraq u opportun skont ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz partikolari.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta’ Novembru 2018 (fol 14) fejn l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi din l-azzjoni hija wahda li diga` ghaddiet in gudikat, u dan ser jigi spjegat ahjar fil-mori ta' din il-kawza;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, l-esponent jeccepixxi illi l-atturi ma ddikjarawx abbazi ta' liema artikolu tal-ligi qed tigi msejsa din l-azzjoni. Fic-cirkostanza jkun idoneju li l-atturi jiddikjaraw dan, u l-esponent bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriserva d-dritt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. Illi bla hsara fil-premess u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi huwa mhux il-legittimu kontradittur

fir-rigward tal-korrezzjoni tac-certifikat tac-cittadinanza, hekk kif dedotta fit-tieni talba;

4. Illi bla hsara ghas-suespost u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u gurisprudenza nostrana;

5. Illi bla hsara ghal premessi u fil-mertu, l-esponenti jeccepixxi illi ma huwiex edott mill-fatti hekk kif gew iddikkjarati fir-rikors guramentat;

6. Illi l-attrici kienet imwielda gewwa r-Russja u mat-twelid assumiet kunjom missierha, cioe` 'Kutsenko'. Matul iz-zmien, l-attrici zzewget lil persuna ta' nazzjonalita' Russa izda sfortunatement tali zwieg gie xolt permezz ta' sentenza ta' divorzju mill-Awtoritajiet Russi. Fis-sentenza tad-divorzju, hemm indikat li l-attrici ghazlet li zzomm kunjom ir-ragel taghha, cioe` 'Tkachenko';

7. Illi in segwitu ghal dan id-divorzju, l-attrici zzewget lis-Sur Giordmaina gewwa Malta nhar il-20 ta' Ottubru 2010 u dan wara li saru t-tnidijiet taz-zwieg skont Artikolu 7 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif jidher mill-Att taz-Zwieg, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'.

8. Illi mill-Atti li jinsabu fil-process taz-zwieg fi hdan ir-Registru taz-Zwieg fid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, li jinkludi: (i) l-Applikazjoni ghat-Tnidijiet taz-Zwieg, anness u

mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', (ii) Dikjarazzjoni ghat-Tnidijiet taz-Zwieg, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', (iii) Abbozz tal-Att taz-Zwieg, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', u (iv) Certifikat ta' Publikazzjoni tat-Tnidijiet taz-Zwieg, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 5', jidher illi l-attrici volontarjament ghazlet li maz-zwieg, hija se tassumi kunjom xbubitha, cioe` 'Kutsenko' u dan minkejja li mal-awtoritajiet hija maghrufa bhala 'Elena Efremovna Tkachenko';

9. Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-Artikolu 4 tal-Kodici Civili, hekk kif kien applikabbli fis-sena 2010, u cioe' li maz-zwieg il-mizzewgin setghu jaghzlu mis-segwenti possibilitajiet fir-rigward tal-kunjom: (i) il-mizzewgin maz-zwieg jiehdu kunjom ir-ragel u martu tista' zzid kunjom xbubitha mieghu jew kunjom ir-ragel li jkun miet qabilha, u (ii) il-mara tista' taghzel li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjom zewgha. Madanakollu, f'kaz li l-mara taghzel li zzomm kunjom xbubitha, dan kellu jigi dikjarat qabel il-publikazzjonijiet tat-tnidijiet taz-zwieg skont il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, liema dikjarazzjoni tkun wahda irrevokabbli (enfasi tal-esponent);

10. Illi *stante* s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi ddikjarazzjoni tal-attrici hija wahda valida, u ma hemmx lok li fil-prezent jizdied kunjom zewgha ma' taghha. Dan jinghad anke fid-dawl li minn imkien pero`, ma jirrizulta li l-attrici ghazlet li zzid kunjom it-tieni ragel taghha, u cioe` 'Giordmaina';

11. Illi mir-rikors guramentat jidher li l-kwistjoni kollha inqalghet meta l-attrici marret iggedded il-Karta tal-Identita' Maltija, u din inharget fuq il-kunjom *'Kutsenko Giordmaina',* liema kunjom ma jappartjenix lill-attrici legalment. Tali Karta tal-Identita' nharget proprju fuq dan il-kunjom *stante* li l-attrici stess tkun ghamlet tali talba. Madanakollu, l-esponent huwa tal-umli fehma illi f'kaz li l-attrici issa qed turi xewqa ohra rigward il-kunjom li kellha taddotta maz-zwieg, hija ma tistax tapprofitta ruhha minn din is-sitwazzjoni u tintavola addirittura proceduri li lanqas biss ghandhom bazi legali;

12. Illi l-esponent jissottlinea illi, l-Karta tal-Identita', ghalkemm hija dokument ufficjali, huma proprju l-Atti Civili li jistabilixxu l-identita' u stat ta' persuna;

13. Illi *stante* s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax takkolji t-talbiet kif dedotti mill-atturi fir-rikors guramentat;

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta Guramentata tad-Direttur fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatrijati datata 20 ta' Novembru 2018 a fol 25 tal-process fejn Ignatius Ciantar (KI Nru: 579964(M) fil-kwalita` tieghu ta' *Manager* fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatriajati bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

Eccezzjonijiet preliminari:

1. Illi in linja preliminari, l-esponent jirrileva illi huwa m'huwiex l-awtorita' kompetenti sabiex jordna tibdiliet fic-certifikat taz-zwieg u ghaldaqstant it-tieni talba f' dan is-sens fil-konfront tal-esponent hija impronobbli *stante* illi l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal din it-talba;

2. Illi tenut kont illi l-atturi ma fissrux it-talbiet taghhom fuq ebda Ligi, l-esponent jecepixxi illi huwa jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri galadarba l-atturi joghgobhom jindikaw fuq liema bazi legali qieghdin jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom;

3. Illi l-esponent jecepixxi n-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur Domenico Giordimania *stante* illi t-talbiet jikkonsistu f'tibdiliet u/jew korrezzjoni fil-kunjom tal-attrici l-ohra Elena Efremovna Kutsenko Giordimaina biss. Konsegwentement Domenico Giordimaina qatt ma jista' jmexxi din il-kawza bhala attur;

**<u>Eccezzjonijiet fil-mertu</u>**

4. Illi l-esponent jeccepixxi illi *ai termini* tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-

fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qeghdin jigu kkontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u jehtieg illi jigu pruvati;

5. Illi l-esponent jecepixxi illi l-fatti kif pprezentati mill-atturi huma skorretti u intizi sabiex jizgwidaw dina l-Onorabbli Qorti. Dan qieghed jigi eccepit *stante* illi kienet l-attrici illi kemm fl-applikazzjoni ghall-ghoti tac-cittadinanza u kemm fid-dokumenti annessi ma' dik l-applikazzjoni hija nizzlet isimiha u kunjomha bhala "Elena Efremovna Tkachenko" u ghaldaqstant l-esponent abbazi ta' dawn id-dokumenti hareg l-istess certifikat li jirrifletti dan il-kunjom. Tenut kont illi l-esponent ma jahti xejn minn din l-allegata konfuzjoni, fl-eventwalita' illi t-talbiet atturi jintlaqghu, *dato ma non concesso,* l-esponent m' ghandux isoffri spejjez ta' din il-kawza;

6. Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra taghhom;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

8. Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 9 ta’ April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul iddikjarat li qed tistrieh fuq ir-risposta guramentata u ma kellhiex provi xi tressaq. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-10 ta’ Mejju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili billi jigi sostitwit l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fid-19 ta' Ottubru 2018 (fol 13).

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tar-*res judicata* tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, din giet irtirata fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 (fol 30) b'hekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari tad-Direttur fid-Dipartimenti tac-Cittadinanza u l-Espatrijati, gie eccepit li hu mhuwiex l-awtorita` kompetenti biex jordna tibdiliet fic-certifikat taz-zwieg.

Inoltre`, gie verbalizzat, li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-artikolu 253 tal-Kap 16. Din l-azzjoni hija intiza ghall-korrezzjoni ta' registrazzjoni fl-atti tal-istat civili. Kwindi ma tistax tigi tentata kontra Direttur fid-Dipartimenti tac-

Cittadinanza u l-Espatrijati li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni.

Ghaldaqstant tilqa' din l-eccezzjoni u tillibera lill-imsemmi intimat mill-osservanza tal-gudizzju. Ghaldaqstant m'ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni aktar tar-Risposta tieghu.

**Fil-Mertu**

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha, u mieghu jizdied kunjom ir-ragel taghha li huwa Giordmaina.

**Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti**.

Ir-rikorrenti twieldet fir-Russja, u l-ewwel ragel taghha kien ta' nazzjonalita` Russa. Illi meta ottjeniet id-divorzju fir-Russja mill-ewwel ragel taghha, hi kienet ghazlet li zzomm kunjomu cioe` Tkachenko. Difatti meta hi giet naturalizzata Maltija kif jirrizulta mill-anness certifikat tac-cittadinanza datat 1 ta' Ottubru 2017, Dok B, kunjomha huwa indikat bhala Tkachenko. Sussegwentement, hija zzewget ragel ta' nazzjonalita` Maltija fl-20 ta' Ottubru 2010, u fic-certifikat taz-zwieg, Dok C, kunjomha gie indikat bhala Tkachenko nee` Kutsenko.

**Elena Efremovna Kutsenko Giordmaina** xehdet permezz ta' affidavit, qalet li hi twieldet ir-Russja, hi ta' nazzjonalita` Russa, u fil-passaport Russu kunjomha huwa indikat bhala Tkachenko. Illi meta ottjeniet id-divorzju fir-Russja mill-ewwel ragel taghha, hi zammet kunjom l-ewwel ragel taghha

Tkachenko, fil-fatt ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija datat 1 ta' Ottubru 2017, jindika kunjomha bhala Tkachenko. Qalet li meta hija zzewget ragel Malti fl-20 ta' Ottubru 2010, giet indikata fic-certifikat taz-zwieg bhala Tkachenko nee` Kutsenko. Semmiet li ma kinitx giet infurmata da parti tar-Registru Pubbliku dwar id-dritt taghha li taghzel l-kunjom ufficjali, u saret taf biss bil-problema fil-kunjom, meta applikat ghall-karta tal-identita` Maltija.

**Domenico Giordmaina**, ir-ragel tar-rikorrenti kkonferma li hu u r-rikorrenti zzewgu bir-rit civili kif jirrizulta fl-att taz-zwieg taghhom esebit. Qal li ebda ufficjal ma spjega jew informa lil martu xi drittijiet kellha fuq l-ghazla tal-kunjom ghalhekk ic-certifikat taz-zwieg hareg fuq il-kunjom tal-ewwel ragel taghha u mhux kunjom xbubitha. Qal li l-ewwel darba li martu giet indikata b'kunjom xbubitha, kien meta applikat ghall-karta tal-identita` Maltija, b'hekk hi spiccat indikata b'kunjomijiet li mhumiex l-istess.

Ghalhekk, ir-rikorrenti qed titlob li terga' lura ghall-kunjom xbubitha "Kutsenko" u mieghu jizdied kunjom it-tieni ragel taghha "Giordmaina". Jirrizulta li d-divorzju li hi ottjeniet fl-esteru gie rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, tant li hija regghet izzewget f'Malta lil Domenico Giordmaina. Illi fid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur, il-passaport Russu, ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija u c-certifikat taz-zwieg f'Malta hija indikata bil-kunjom "Tkachenko."

B'referenza ghall-kunjom tar-rikorrenti, hija kienet applikat ghad-divorzju fir-Russja. Skont l-**artikolu 66L (4) (c) tal-Kodici Civili**, id-disposizzjoni tal-artikolu 62 tal-istess Kodici japplika *mutatis mutandis* ghad-divorzju ppronunzjat mill-

Qorti kompetenti f'Malta. Huwa l-**artikolu 62** li jirregola l-kunjom tal-mara mizzewga wara li jigi tterminat iz-zwieg b'separazzjoni personali u b'effett tal-applikazzjoni imsemmija, anke f'kaz li z-zwieg jinhall b'sentenza ta' divorzju.

Ikkunsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 66L (4) (B) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-mara tista' terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju. Izda, fil-kaz in ezami, r-rikorrenti ghazlet li zzomm kunjom zewgha, wara li ottjeniet id-divorzju fl-esteru,u cioe` Tkachenko. Difatti, fic-certifikat tac-cittadinanza Maltija esebit bhala Dok B, kunjomha huwa wkoll indikat bhala "Tkachenko."

Referibbilment ghal dak eccepit fid-disa' eccezzjoni tar-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku , l-artikolu 4 tal-Kodici Civili, hekk kif kien applikabbli fis-sena 2010, u cioe` li maz-zwieg, il-mizzewgin setghu jaghzlu s-segwenti possibiltajiet rigward il-kunjom: (1) il-mizzewgin maz-zwieg jiehdu kunjom ir-ragel u martu tista' zzid kunjom xbubitha mieghu jew kunjom ir-ragel li jkun miet qabilha, u (2) il-mara tista' taghzel li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjom zewgha.

Illi gie eccepit ukoll, li f'kaz li l-mara taghzel li zzomm kunjom xbubitha, dan kellu jigi dikjarat qabel il-pubblikazzjonijiet tat-tnidijiet taz-zwieg skont il-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, liema dikjarazzjoni tkun wahda irrevokabbli. Difatti, gew esebiti mar-risposta, Dok DRP2, dikjarazzjoni ghat-tnidijiet taz-zwieg, Dok DRP3, l-abbozz tal-Att taz-Zwieg, Dok DRP4, ic-certifikat tal-pubblikazzjoni tat-Tnidijiet taz-Zwieg, Dok DRP5. Ghalhekk, gie sottomess fl-eccezzjonijiet, li fiz-

zmien li zzewget ir-rikorrenti, kien hemm biss dawn l-ghazliet.

Madanakollu minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta mid-Dok DRP2 (fol 19) li r-rikorrenti fissret li riedet tirreverti ghal kunjom xbubitha fl-istqarrija maghmula ghall-fini tal-pubblikazzjoni tad-tnidijiet, ghalkemm xorta ma nizzlitx li xtaqet ukoll tassumi kunjom zewgha. F'din l-istess stqarrija l-ghazla "*adopt the surname of my husband*" huma imhassra. Ghalhekk jirrizulta li sar zball billi c-certifikat taz-zwieg taghha kellu jinhareg fuq kunjom xbubitha <u>biss</u>. Billi t-talba odjerna hija preciza, din il-Qorti ma tistax tindirizza dan il-fatt billi ma tinkwadrax fit-talbiet attrici.

Illi l-artikolu tal-Kodici Civili kif emendat bl-Att XXIII tas-sena 2017 zdied il-proviso "*izda ghal skopijiet ta' dan l-artikolu, l-kliem 'kunjom xbubitha' jinkludi l-kunjom tal-konjugi fiz-zmien taz-zwieg ukoll jekk dan il-kunjom ma kienx il-kunjom ta' dak il-konjugi mit-twelid u dak il-konjugi jista' wkoll jaghzel li jzomm dak il-kunjom*." Ghalhekk l-artikolu 4 inghata interpretazzjoni aktar wiesgha ghall-frazi "kunjom xbubitha" permezz tal-emendi introdotti bl-Att XXIII tas-sena 2017.

F'kull kaz, bl-Att imsemmi tal-2017 il-legislatur ma ddisponix retroattivament ghall-kazijiet bhal dawk tar-rikorrenti u lanqas introduca xi mekkanizmu sabiex ir-rikorrenti u persuni bhala jkunu jistghu jaghmlu ghazla li tippermettilhom juzufruwixxu mill-emmenda introdotta. Mekkanizmu bhal dan gie introdott, ad ezempju, biex jaghti lil dawk in-nisa li zzewgu qabel data pre-stabbilita l-ghazla li jiehdu kunjom

zewghom li miet qabilhom (*vide* artikolu 4(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi fil-kaz odjern gjaladarba l-legislatur baqa' sieket, din il-Qorti trid tapplika l-massima legali *ubi lex voluit dixit.*

Jigi ritenut li l-kwistjoni li titratta t-talbiet odjerni nqalghet meta r-rikorrenti marret biex iggedded il-karta tal-identita`, u din inharget bil-kunjom "Kutsenko Giordmaina", liema kunjom ma jappartjenix lir-rikorrenti legalment. Illi anke fil-passaport esteru u fic-certifikat tac-cittadinanza Maltija, hija indikata bil-kunjom "Tkachenko". Din il-Qorti taqbel ma' dak eccepit li huma l-atti civili li jistabilixxu l-identita` tal-persuna u mhux biss il-karta tal-identita`. Anzi fic-cirkostanzi jidher li l-izball jirrizulta proprju fir-redazzjoni tal-Karta tal-Identita' u mhux fid-dokumenti mahrugin mill-intimati.

*In vista* tas-suespost, ser tichad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu huma guridikament infondati.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur fid-Dipartimenti tac-Cittadinanza u l-Espatrijati, u kwindi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti**.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Mejju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Mejju 2019**